# ANTONIO SCIORTINO

## SKULTUR MALTI

## (1879 - 1947)

*(Tifkira tiegħu fit-80 anniversarju minn twelidu)*

*Ta'* ĠUŻE' CARDONA

FIS-SENA 1873 fit-tempju maestuż tar-Rotunda tal-Mosta Ġużeppi Sciortino minn Ħaż-Żebbuġ kien qiegħed jintrabat bis-sagrament taż-żwieġ ma' Saverja Sant mill-Mosta. Wara l-ferħ ta' din il-għaqda qaddisa, fid-dar ta' nies l-għarusa fil-Mosta, il-familja l-ġdida marret toqgħod f'dar ir-raġel f'Ħaż-Żebbuġ. Ġużeppi Sciortino kien bidwi u kellu xi ftit tar-raba' fl-inħawi msejħin "Ġnien iż-Żgħir" li jaħbat fil-bidu ta' Ġnien l-Isqof, ftit 'il barra minn Ħaż-Żebbuġ.

Minn dan iż-żwieġ nisrani, li l-iskop tiegħu huma l-ulied, twieldu Franġisku, Marija, Antonio, Vittorja u Grazzja, u trabbew ilkoll fil-biża' t'Alla u jilagħbu fl-għelieqi tal-ġenituri tagħhom. Minn dawn il-ħames ulied, aħna sa nieqfu fuq Antonio, li twieled Ħaż-Żebbuġ fil-**25 ta' Jannar, 1879** ,u tgħammed l-għada, 26 ta' Jannar. Barra Antonio ngħatawlu wkoll l-ismijiet ta' Pawlu u Paċifiku. Parrinijietu kienu zijuħ min-naħa t'ommu, Ġanni Sant, u martu Grazzja, li kienu joqogħdu l-Mosta. It-tfajjel tagħna ġie msemmi Antonio għal nannuh, m'ssier ommu, Pawlu billi twieled f'San Pawl ta' Jannar ,u Paċifiku billi dan l-isem hu komuni ħafna l-Mosta u aktarx li jinstab fil-familja ta' nies ommu.

Fuq it-tfulija ta' Antonio għandna xi ftit tagħrif mill-ħbieb tiegħu ta' tfulitu, Patist Bonnici u Pawlu Grech, dan ta' l-aħħar għadu mimli bil-għomor u li kellimt m'ilux fuq iż-zuntier ta' Ħaż-Żebbuġ. Patist u Pawlu kienu jmorru jilagħbu ma' Antonio Sciortino fil-għalqa ta' missieru fi Ġnien iż-Żgħir, u kienu jibqgħu milqutin mill-ħeffa lii biha Antonio kien inaqqax statwi tal-ġebel b'daqsxejn ta' temprin. Pawlu Grech qalli li missier Antonio, Ġużeppi, ma kienx jieħu pjaċir li huma kienu jmorru ħdejn ibnu, billi setgħu jaljenawh milli jirgħa l-ftit nagħaġ u

mogħoż li kellhom. Iżda, kif issokta jgħidli l-istess Pawlu, Ġużeppi, missier Antonio, li kien raġel mill-aħjar, tqatta' u tiekol minnu, qatt ma kien igħajjat magħhom jew ikeċċihom. Huma, ta' tfal li kienu, kienu jinħallu wara l-ħlewwa ta' figuri li Antonio f'ħakka ta' għajn kien jiskolpi, jew inkella jpinġi mal-ħajt tal-kamra li kien hemm fl-għalqa ta' missieru.

Patist Bonnici, il-ħabib l-ieħor ta' Antonio Sciortino, baqa' sakemm miet igħożż il-ħbiberija ta' dan l-iskultur Malti ta' fama mondjali, u meta l-artista kien Malta, kien dejjem jieħu għand ħabib tfulitu, Patist, biex isinnlu l-iskriepel, l-żgorbji u l-għodod l-oħra ta' l-iskultura.

Il-ġenituri ta' Antonio, għalkemm bdiewa, ħasbu biex jibagħtu lil uliedhom l-iskola tal-Gvern ta' Ħaż-Żebbuġ, fejn b'xorti tajba kienet Sinjora ta' l-Iskola, Vittorina Scortino, izzija ta' Antonio, li ħeġġitu biex jaħżen tagħlim kemm jisa'. F'dak iż-żmien ukoll Antonio kellu l-fortuna li jammira x-xogħlijiet pittoriċi ta' qaribu Lazzaro Pisani, u l-impressjoni ta' Pisani kompliet xegħlet fiż-żagħżugħ dik id-dispożizzjoni naturali għall-arti li kienet tiġri fil-vini tiegħu sa minn twelidu. Pisani, mill-banda l-oħra, malli ntebaħ bil-ġenju straordinarju ta' Antonio, ħajru biex jattendi l-iskola tad-disinn, il-Belt.

Imma l-kapaċità singolari ta' Sciortino malajr ġibdet l-ammirazzjoni tal-patruni ta' l-arti f'Malta u speċjalment tal-mamà ta' Lord Strickland, li kienet ħabiba ta' Vittorina Sciortino, izzija ta' l-iskultur. U bis-saħħa tal-ġenju kreativ tiegħu u megħjun minn diversi personalitajiet Maltin, ġie mibgħut Ruma ta' xi 20 sena biex jissokta jitħarreġ fl-arti skultorja. Attenda kors ta' inġinerija u arkitettura monumentali u ġie diplomat fl-1902 mill-Istituto Reale di Belle Arti. Fl-istess żmien fetaħ studju f'Via Margutta. X'kienu l-kondizzjonijiet li fihom ħadem, tħabat u stinka Sciortino? Kittieba ta' żmienu, u fosthom Salvatore Gauci, jgħarrafna li l-artista ltaqa' ma 'ħafna saram u minkejja l-bsaten fir-roti li għamlulu l-egħdewwa, u s-sussidju ċkejken li kellu mill-Gvern, il-karriera tiegħu kienet dejjem miexja 'l fuq lejn ideal imdawwal u arti tabilħaqq.

Iżda qabel Gauci, l-ewwel Malti li nafu bih li qabad il-pinna u ta t-tifħir mistħoqq kien Dr. Arturo Mercieca, li ħajjar lil Salvatore Gauci biex ixandar is-suċċessi li Sciortino kien kiseb fil-Pelt Eterna.

Ikompli jgħarrafna Gauci fil-"Malta Letteraria" ta' Lul-

jir, 1904, li minn mindu kien student, Sciortino kien akkwista personalità artistika, ħajja u sħiħa f'kull xogħol li kien jaħdem u din il-personalità laqtet lill-professuri. Meta ħalla l-"Istituto di Belle Arti", ħalla warajh kull imitazzjoni, u s-surmastrijiet tiegħu kienu biss il-ġenju kreativ u l-ispirazzjoni fekonda tiegħu. L-ewwel xogħol tiegħu oriġinali li għollih bħala artista ta' kobor, kienet "Testa di filosofo", li ma setgħetx ma tiġbidx l-apprezzament ta' l-ammiraturi ta' l-iskultura. Sena wara, fl-1903, Antonio kompla saħħaħ il-fama li kien akkwista bi studju ieħor, li wera tabilħaqq li l-ewwel xogħol tiegħu ma kienx xi inzertatura imma frott ta' kapaċità mhux komuni; din id-darba esibixxa "Testa di Vecchio", li tat lill-awtur tama mwarrda ta' futur mill-isbaħ. Is-sena ta' wara, 1904, ħareġ minn idejn Sciortino dak il-grupp hekk artistiku ta "Les Gavroches" jew "I birricchini di Parigi" ,li ħadem taħt l-influss tal-letteratura Hogjana, għaliex dan il-grupp juri tabilħaqq il-furja tal-jiem tal-ġlied u tal-barrikati f'Pariġi, l-erojiżmu taż-żgħar u n-nuqqas ta' ħsieb taż-żgħażagħ li jiddisprezzaw kull periklu.

Iżda din il-biċċa xogħol kbira ta "Les Gavroches" ma kenitx biżżejjed, għax fl-istess żmien Antonio tana wkoll "Studio di donna" li jirrappreżenta t-tbissima grazzjuża ta' mara fl-aqwa tagħha, mogħnija bil-ferħ tad-dinja. Naraw f'dan l-istudju dik il-klassiċità purissima differenti mill-figura tal-mara rappreżentata mill-artisti Franċiżi ta' żmienu.

Xi ħadd jista' jaħseb li Sciortino kiseb dan il-ġieħ kollu f'Ruma għax forsi f'dak iż-żmien dik il-belt kellha nuqqas artistiku jew kienet tinsab f'xi dekadenza skultorja. Xejn minn dan! Il-pajżan tagħna wera ruħu bħala skultur kbir f'Rumu meta kellu miegħu lil Monteverdi, Biondi, Ferrari, u Ercole Rosa. Issielet ma' skulturi barranin issussidjati bis-sħiħ mill-gvernijiet tagħhom, waqt li lil Sciortino tagħna neħħewlu dawk il-ftit flus li kien jieħu waqt li kien fl-"Istituto di Belle Arti".

Hekk nistgħu ngħidu li sa mill-1904 skultur Malti kien għamel isem f'diversi ċentri artistiċi ta' l-Ewropa, u fis-snin ta' wara l-isem glorjuż ta' Sciortino issokta jixtered ma' l-Amerika, l-Asja u l-Affrika. U dan mhux tifħir żejjed għax tabilħaqq li x-xogħlijiet ta' Antonio waslu sa l-Amerika, sar-Russja, sal-Brażil u sas-South Africa.

Seba' snin wara, sewwa sew fl-1911, fil-konkors imniedi għall-monument ekwestri għall-Imperatur Alessandru II tar-Russja, il-mudell ta' Sciortino ħa l-ewwel, iżda ġie skwalifikat għax qalu li d-disinji ma kienux skond ir-regolamenti; b'dana-kollu l-Imperatur akkwista x-xogħol ta' Sciortino u ħallas lu s-somma ekwivalenti ta' l-ewwel premju.

Fil-kompetizzjoni internazzjonali biex isir monument lill-poeta ta' l-Ukraina, Chevchenko, l-iskultur tagħna rebaħ għal tliet darbiet il-konkors u fl-1914 il-Kummissjoni kellha tammetti "li Sciortino biss għaraf jesprimi r-ruħ tal-figura ta' Chevchenko."

Biċċa xogħol qatt ma dehret bħalha fid-dinja Sciortino immodella fi żmien l-ewwel gwerra tad-dinja. Din hi "The Holy Temple", tempju-monument tal-gwerra, li kellu jiġbor fih l-għadam tas-suldati mill-Imperu kollu, u f'nofsu l-għadam tas-"Suldat Mhux Magħruf" — idea illi ħareġ biha l-ewwel darba l-artista Malti. Dan il-proġett famuż, li kellu jkollu koppla għolja 100 metru bi 300 qanpiena ġo fiha ma setax iseħħ minħabba l-ispiża kbira li kien jinvolvi, iżda ġie ammirat minn Ettore Tito u Mentessi bħala l-akbar konċezzjoni arkitettonika tal-bniedem. Gazzetti Ingliżi, Amerikani, Russi, Taljani, Franċiżi u Norveġiżi kitbu fuq Sciortino u dan ix-xogħol tiegħu. Ta' dan iż-żmien ukoll huma l-busti ta' Sir Adrian Dingli (f'Malta), Sir Edwin Egerton (f'South Africa), u ta' Field Marshal Lord Grenfell (fl-Ingilterra).

Monument ieħor li jagħmel ġieħ lil Antonio u li jibqa' dejjem ifakkarna fih u fil-Kongress Ewkaristiku ta' l-1913, jinsab barra Putirjal u juri lil Malta f'riġlejn Kristu ħaj u maestuż. Dan il-monument ħall l-ilsien ta 'l-aħjar prożaturi u poeti ta' dak iż-żmien, u nsibu lil Dr. Enrico Mizzi, lill-Prof. A. Cuschieri O.C., lil Dr. Daniel Camilleri, lil Randon, lil V. Bonello, lil G. Galea, lil Carmelo Mifsud Bonnici li kien għadu student, u fuq kollox lill-poeta nazzjonali Dun Karm, ilkoll ikantaw l-isbaħ eloġju lil dan il-Malti kbir. Imma dan it-tifħir mhux kampaniliżmu, għax dan il-monument u l-awtur tiegħu ġew onorati minn artisti u kritiċi barranin, fosthom il-Prof. Ruman Joris, li stqarr: "Sciortino laħaq il-promessi li kien ta sa mill-ewwel studji tiegħu; it-teknika tiegħu hi qawwija daqs dik ta' Rodin, u

dan il-monument biss hu biżżejjed biex iqiegħdu fiż-żgur fost l-ewwel skulturi moderni''.

Bejn l-1918 u l-1921 Sciortino ħadem busti oħra kbar bħal dawk ta' Prof. Sgambati, Baroness Hayashi, Miss Miller, Mrs. Harvey u Mrs. McClum; u l-monumenti sepolkrali ta' Prown Jung u Miss Court. Imbagħad fl-1923 ħoloq monument ieħor tal-għaġeb li jirrappreżenta d-drammaturgu kbir Russu Anton Pavolovich Tchekov jikkunsidra l-gawawija bil-ġewnaħ imkisser, ''Il-Gawwija'' l-isem tat-tieni dramm tiegħu.

Jisgħobbina li f'dan l-istudju qasir ma nistgħux insemmu x-xogħlijiet kollha ta 'Sciortino, u jkollna bilfors nikkuntentaw ruħna billi ngħidu kelmtejn biss fuq kapolavuri ta' fama mondjali. Hekk kienet kbira s-sengħa ta 'Sciortino li f'20 minuta għamel maskra tal-magħruf kompożitur u pjanista Amerikan Leo Tectonius, li ġibdet l-ammirazzjoni tal-famuż skultur franċiż Auguste Rodin li miet fl-1917. Tant impressjona ruħu Rodin li talab kopja, ried jagħmel konoxxenza ta' Sciortino u baqgħu ħbieb sa mewtu. Liema ċertifikat aħjar minn ta' Rodin seta' jikseb Antonio, meta Rodin kien magħdud bħala l-aħjar skultur wara Michelangelo!?

Fis-sentejn 1926-27 l-artista Malti ħeles il-busti ta' Miss Buckner, tal-Prinċipessa Pignatelli, Mrs. Mackenzie u ta' Miss Winifred Holt; iżda għalkemm dawn kienu jkunu ħidma kotrana għal skultur ieħor, Sciortino ma' dawn ħadem ukoll il-Monument ta' l-Amerika t'Isfel fl-okkażjoni tal-proklamazzjoni ta' l-indipendenza tal-Brażil.

Dan is-suċċess ġie ripetut is-sena ta' wara, 1927, b'monument ieħor għal Malta biex ifakkar ir-rebħa ta' l-Assedju l-Kbir. Dan il-Monument ta' l-Assedju ġie inawgurat il-Ħadd, 8 ta' Mejju, 1927, fl-10 a.m. mill-E.T. Sir Thomas Van Best, l-Uffiċjal li kien qiegħed jamministra l-Gvern qabel il-wasla tal-Gvernatur il-ġdid Du Cane. Saru diskorsi għall-okkażjoni mill-Prim Ministru Sir Ugo Mifsrud, minn Sir Arturo Mercieca u mill-Prof. Atanasio Cuschieri, O.C. Il-monument tbierek fl-10 a.m. mill-Arċisqof Dom Mauro Caruana.

Xogħol ieħor li juri lil Simon Bolivar wisq imponenti fuq

żiemel hekk ħaj li tistħajlu miexi, tressaq għall-konkors internazzjonali li daħlu għalih 265 artista minn ħafna pajjiżi, u l-Malti Sciortino ħa t-tieni premju. Altru kenitx prova oħra tal-ġenju nazzjonali Malti!

Fl-1929 Sciortino kien laħaq l-apiċi tal-karriera tiegħu u bħala wieħed mill-akbar skulturi ġie avviċinat mill-Kummissjoni Amerikana li kienet organizzat esibizzjonijiet ta' artisti ta' fama bħal Rodin, Munier u Burdella kull sentejn. Fis-sena 1931, il-Kummissjoni ġiet milquta mill-oriġinalità tax-xogħlijet ta' Sciortino u stednitu biex ilesti xi 20 biċċa jew aktar biex jintwerew fl-Amerika. Is-suġġetti kellu jagħżilhom hu u kellhom jixbhu fl-istil l-"Arab Horses" li nistgħu nammiraw fil-Mużew Nazzjonali. Għalkemm ix-xogħlijiet kienu lesti, il-wirja ma sehħitx bil-president tal-wirja, Mr. Frank Perdy, laħaq miet.

Tkellimna fuq ix-xogħlijiet tal-Prof. Sciortino li tawh fama mondjali, imma ma rridux ninsew li s-soġġetti allegoriċi tiegħu, bħal: "Arab Horses", "Dangerous Sport" "Rhythm of Life", "Lindberg", "Detachment of the Soul" u oħrajn, juru l-fantasija oriġnali tiegħu, entużjasmu u vitalità naturali, moviment bilanċjat, u teknika futurista, li weħidhom huma biżżejjed biex jagħtu lill-artista Malti immortalità fil-kamp ta' l-iskultura.

Fl-1936, minħabba l-ksur tar-relazzjonijiet bejn l-Italja u l-Ingilterra fuq il-gwerra ta' l-Abissinja, il-"British Academy of Arts" ta' Ruma, li tagħha l-Prof. Sciortino kien ilu direttur għal 25 sena, ġiet magħluqa u l-pajżan tagħna ġie mitlub biex jiġi Malta u jokkupa l-kariga ta' Kuratur tas-Sezzjoni ta' l-Arti fil-Mużew, post li beda jokkupa fit-3 ta' Mejju, 1937, bis-salarju ta' £300. Sciortino baqa' jaħdem, iżda l-aħħar xogħol kbir tiegħu kienet l-istatwa ta' Lord Gerald Strickland li beda fl-1945.

Kif qamet it-tieni gwerra dinjija, is-Sinjurina Helene Buhagiar, għal żmien twil ħabiba tal-Prof. A. Sciortino, avviċinatu biex ix-xogħlijiet tiegħu li kellu f'Ruma jinġiebu Malta. Ta' bniedem ġeneruż u patrijott li kien. Sciortino offra kollox lill-poplu ta' Malta basta jiġi provdut it-trasport minn Ruma għal pajjiżna. Għal dan ħaseb il-Kmandant Navali tal-Mediterran, Sir Algernon Willis u Lady Willis, waqt li s-Sur Joseph Galea, li kien studja Ruma taħt il-Prof. Sciortino, mar jorganizza l-ip-

pakkjar u l-ġarr. Il-Gvern ħareġ £300 għall-ispejjeż. L-iffirmar tal-kuntratt tal-għoti tax-xogħlijiet tal-Prof. Sciortino sar fil-11 ta' Frar, 1957, u flok il-professur, li kien marid, dehret Miss Helene Buhagiar, li kienet ukoll li ħasbet biex ix-xogħlijiet jiġu esebiti fl-14 ta' Lulju, 1947. Ftit ġranet wara Sciortino kien mejjet.

Dan l-iskultur Malti ta' fama mondjali baqa' dejjem dħuli u umli, għad li ħabbat wiċċu ma' ħafna svantaġġi fl-Italja għax kien Malti, u ma sabx l-inkoraġġment li kien jixraqlu fl-Ingilterra għax ma kienx Ingliż, u bil-ħila tiegħu biss kiseb għalih u għal Malta, art twelidu, pedistall għoli fil-qasam ta' l-iskultura, ġieh li jmissna nfakkru malajr kemm jista' jkun b'monument f'wieħed mill-aqwa postijiet ta' Malta, li tant issemmiet bil-ħila tiegħu.